# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU ERBATAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru, 2005 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Skużati: | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Rapport ta' Ħidma Budget 2005/2006.
(4) Talba tas-Segretarju 'Leave Speċjali'.
(5) Sotto Kumitat Wirt Storiku Turiżmu u Ambjent.
(6) Applikazzjoni 'Il-Kunsill Lokali u iċ-Ċittadin'.
(7) Proċeduri għad-devoluzzjoni tax-shelters.
(8) Attivitajiet tal-Milied.
(9) Żjara H.M.S. Illustrious
(10) Kalendarju 2005/2006

## 14 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta imressqa mill-Viċi Sindku, Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva il-minuti nem com tal-laqgħa tal-Kunsill Nru. 13.

## 14 (1) .2 Arising Matters

## 14 (2) Komunikazzjoni

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat u il-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

14(2) .1 Artiġjanat fil-Lokal – 20 ta' Ottubru 2005

Saret laqħa ma dawk iċ-ċittadini lokali li ipparteċipaw fl-artiġjanat lokali. L-għan ta' din il-laqħa kienet li tittella skola ta' l-artiġjanat jew li jsiru courses biex jiġi żviluppat it-talent lokali.

14(2) .2 Digriet Gran Mastru Claude de la Sengle – 31 ta' Ottubru 2005

Is-Sindku Joseph Casha u il-Kunsillier Louis Henwood kienu mistiedna għall-attivita' mtella b'tifkira ta' l-450 sena mill-ħruġ tad-digriet fuq il-Librerija Nazzjonali.

Il-Kunsilli preżenti ġew mħeġġa biex iħajjru lill-għaqdiet fil-lokal tagħhom biex jibgħatu tlett koppji ta' kull publikazzjoni li huma joħorġu.

14(2) .3 Laqgħa għas-Sindki tas-South – 1 ta' Novembru 2005

Din saret biex jiġl maħtur kumitat uffiċjali għall-Valletta Urban Community Council.

14(2) .4 Laqgħa mal-Perit Lawrence Mintoff / Pada Builders – 2 ta' Novembru 2005

Ġew diskussi ix-xogħolijiet li kienu saru u saret żjara fuq il-post. Sar qbil li jsiru il-permessi meħtieġa mill-ADT biex jkun jista' jinbeda ix-xogħol fit-toroq skond it-tender kif appruvat.

14(2) .5 Kumitat Konġunt LES – 3 ta' Novembru 2005

Ġie diskuss il-kuntratt il-ġdid u sar qbil li ssir laqgħa oħra fil-11 ta' Novembru 2005

14(2) .6 Proġett għaż-żgħażagħ (Net Working EU) – 3 ta' Novembru 2005.

Ingħata bidu għall-workshop 2 f'dan il-proġett li dan il-Kunsill qed jipparteċipa flimkien ma erbat ibliet oħra : UK, Ġermanja, Poland u Austria. Il-belt ta' Hamm fil-Ġermanja hija il-leading partner. Dan il-workshop jiġi fi tmiemu fit-8 ta' Novembru 2005

142). 7 Żjara f'Seville mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha attenda għall-konferenza u esibizzjoni li itellet f'Seville ġewwa Spanja. Huwa stqarr li din kienet biċċa xogħol iebsa meta wieħed iqis li waħdek trid itella stand bil-materjal li wieħed ikun tella. Stennejt attendenza akbar għal esibizzjoni. Naħseb fost il-parteċipanti li ħadu sehem morna tajjeb ħafna u reġa kien hemm interess fil-lokal tagħna b'mod speċjali minn Betlehem, Franza u Spanja : - Bejn it-tlett sindki iffirmajna biex inkomplu bħala reġjun tal-Kottonera li nibqgħu naħdmu dwar il-Wirt Storiku. Fil-fatt għada ser issir laqgħa bħala kontinwazzjoni.

142) .9 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-16 ta' Ottubru u is-7 ta' Novembru 2005. F'dn il-laqgħa tresqet din il-korrispondenza :

04/2640/05/I

AILL 71/05 dwar il-ftehim milħuq mill-Korporazzjoni Faces dwar Bus Shelters.

04/2642/05/I

Biex timtela il-formula

04/2645/05/I

AILL 72/05 Tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali iikkoperaw dwar ir-reġistrazzjoni tat-tjur fil-lokal.

04/2646/05/I

Stedina mill-Kunsill Valletta biex dan il-Kunsill jieħu sehem fil-proġett Urbact Search fejn qed jieħdu sehem il-Belt Valletta

04/2660/05/I

Wara is-suċess li ntlaħaq bil-proġett Town Twinning, is-sindku ta' Scanno stieden lil dan il-Kunsill biex jieħu sehem fil-proġett 'enlaced' dwar l-artiġjanat tal-bizzilla . Il-Kunsill approva din l-istedina.

04/2691/05/I

Ringrazzjament mill-parteċipanti ta' Anversa għall-proġett Town Twinning f'dan il-lokal bejn is-7 u l-10 ta' Ottubru 2005

04/2696/05/I

E-mail mill-Kunsill Lokali tal-Belt dwar laqgħa li kellha issir fl-1 ta' Novembru 2005, biex jiġi uffiċjalment imwaqqaf Valletta Urban Community Council – Parteċipazzjoni dwar CITUM Project – Search Project.

04/2749/05

04/2752/05/I

Il-Ministru għar-Riżorsi u Infrasstrutura reġa' approva  għal sena oħra lis-Sindku Joseph Casha bħala membru fuq il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

04/2757/05/I

L-iskola Primarja Don Mauro Inguanez fl-Isla qed titlob donazzjoni ta' Lm35 biex kull tifel u tifla tingħata  panina fil-festa ta' San Martin  u Lm 25 biex jingħata ktieb lit-tfal li għaddew għal Junior Lyceum . Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

04/2766/05/I

Id-dipartiment għal Gvern Lokali infurmana li l-proċess ta' devoluzzjoni għall-imħażen għadu għaddej.

04/2772/05/I

Talba għall-filming fil-Kunsill mill-Bronk Productions. ( 10 ta' Novembru 2005) Il-Kunsill approva din it-talba.

04/2780/05

Talba mill-għaqda tal-Brigata għal għotja bħala għajnuna . Il-Kunsill qabel li tingħata għotja nominali.

04/2791/05/I

ASKLM dwar il-ftehim kollettiv milħuq għas-servizz pubbliku.

04/2792/05/I

Memo 23/2005

## 13 (3) Proġett Town Twinning

13 (3). 1 Dan il-proġett sar b'suċċess bejn it-8 u l-10 ta' Ottubru u kien imtella' mill-Kunsill b' fondi mill-Unjoni  Ewropeja.

13 (3). 2 Rapport dettaljat li nqara mis-Sindku ġie preżentat u jinsab mehmuż ma' dawn il-minuti.

13 (3). 3 Ir-rapport finanzjarju hu mehmuż ukoll.

13 (3). 4 L-MTA sejra tagħti donazzjoni lill-Kunsill ta' Lm240 biex tkopri parti mill-ispejjeż maħruġa mill-Kunsill.

## 13 (4) Amministrazzjoni tal-Kunsill

13 (4). 1 Ġie suġġerit li jsir bieb tal-ħadid biex jissepara l-Amministrazzjoni mill-parti l-oħra tal-bini tal-Kunsill biex il-parti amministrattiva tkun aktar sigura u protteta speċjalment tul il-ħin tal-ġurnata.

13 (4). 2 Għandu jsir job description ta' l-impjegati u jiġu ippjanat kif jitqassam ix-xogħol aħjar mill-impjegati tal-Kunsill.

## 13 (5) Servizzi Kuntrattwali

Minn tagħrif li ta is-Segretarju Eżekuttiv jidher li is-servizzi kuntrattwali tal-Kunsill kważi beda jiġi fi tmiemu f'Jannar 2006. Għaldaqstant sar qbil biex jibdew isiru il-preparamenti meħtieġa biex joħroġ is-servizzi f'Diċembru 2005. B'hekk dawn is-servizzi jiġu amanded fi żmienhom.

## 13 (6) Ħruġ ta' Tenders Kuntrattwali (Bulk Refuse – Sweeping,

Il-Kunsill qabel li jibda jitħejjew il-preparamenti biex it-tenders joħorġu fi żmienhom skond iż-żmien ta' għeluq ta' kull tender.

## 13 (7) Delta Project Seville

13 (7). 1 Fit-12 ta' Ottubru 2005, saret laqgħa fl-Universita' il-qadima, dwar l-eżibizzjoni li ser issir f'Seville fi Spanja. Ingħata tagħrif ta' dak li hemm bżonn għal din il-wirja.

13 (7). 2 Għal din il-wirja sejjer jieħu sehem is-Sindku Joseph Casha, fejn għal okkażżjoni il-biljett ta' l-ajru huwa mħallas mid-Delta Project. Il-Kunsill irid joħroġ biss l-ispejjeż għal kiri ta' l-istand għal erbat ijiem.

13 (7). 3 Il-Kunsill qabel li is-Sindku Joseph Casha jitla' waħdu minħabba l-ispejjeż aktar li huma nvoluti biex tipparteċipa it-tieni persuna.

13 (7). 4 Aktar tagħrif mehmuż ma dawn il-minuti.

## 13(8) Approvazzjoni Tender PR 04

13 (8). 1 Wara diskussjoni li saret mal-Pada Builders Limited dan qabel li jagħżlu l-offerta tagħhom ta' 5% (ittra mehmuża).

13 (8). 2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva l-offerta tal-Builders li issa niżlet għal madwar Lm 54000

## 13(9) Ilment

## 13(10) Rapport Finanzjarju April / Settembru 2005

Dan sejjer jiġi preżentat aktar il-quddiem wara li is-Software tas-Sage jkun installat u qed jiffunzjona tajjeb.

## 13(11) Rapport Proġett Town Twinning

13 (11). 1 Ma dawn il-minuti hemm mehmuża l-ispejjeż li saru sa issa biex ittella' dan il-proġett. Dawn jammontaw għal madwar Lm 2900. Dan mhuwiex l-ammont finali.

13(11). 2 Il-fondi ivvutati mill-EU għal dan il-proġett huma 9000 Euros.

## 13(12) Rakkomandazzjoni u Sotto Kumitati Wirt Storiku.

Dan is-Sotto Kumitat sejjer jerġa jagħrbel il-proposti tiegħu mill-ġdid qabel jippreżentahom quddiem il-Kunsill.

Fuq rakkomandazzjoni tas-Sotto Kumitat Anzjani u Familji ġie deċiż li għandu jsir Weekend Break bejn il-ħdax u it-tlettax ta' Novembru fil-Hotel San Antonio.

## 13(13) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva il-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 3, 855.33ċ, Lm68.59 u ta' Lm 5

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fis-8.16pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv